**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' April, 2023**

**Rikors Maħluf Nru: 20/2022**

***MAXIME CHARLES VEILLET LA VALLÉE GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TAL-KUMPANNIJA BARON MAX LIMITED***

***VS.***

***DIRETTUR ĠENERALI (DWANA) U L-KUMMISSARJU TAT-TAXXI***

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza finali dwar it-talbiet kollha tal-attur *nomine*: (i) sabiex huwa jikseb dikjarazzjoni li n-nota ta' qbid bin-numru 206/2021 inħarġet b'manjiera illegali u bi ksur tad-drittijiet tiegħu u tal-prinċipju ta' proporzjonalità; (ii) sabiex titħassar l-istess nota ta' qbid; u (ii) sabiex l-intimati jingħataw ordni biex iroddulu lura l-oġġetti maqbuda minnhom;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fil-**<u>11 ta' Jannar, 2022</u>**, l-attur *nomine* fisser li fil-31 ta' Awwissu, 2021 kienet saret tfittxija mill-uffiċjali tad-dwana fil-ħanut li jġib l-isem, "*Baron Max Wine Merchant*", bin-numru 90, li jinsab f'High Street, The Palace Hotel, Sliema.

Dakinhar l-imsemmija uffiċjali ħadu mill-pussess tiegħu numru ta' tikketti u fliexken tal-alkoħol u tal-inbid;

3. Huwa tenna li l-fliexken li nqabdu kienu fil-biċċa l-kbira tagħhom maħżuna f'parti mill-ħanut li ma kinitx aċċessibbli għall-pubbliku u għalhekk dawn ma kinux għall-bejgħ. Saħaq ukoll li l-fatt li nstabu aktar tikketti milli fliexken ifisser li l-erarju pubbliku ma kien ġarrab l-ebda telf fi dħul ta' taxxa għaliex din kienet tħallset max-xiri tat-tikketti. Żied jgħid li minħabba f'hekk in-nota ta' qbid li nħarġet mid-Dipartiment tad-Dwana kienet illegali, arbitrarja u mingħajr ġustifikazzjoni għaliex huwa ma kiser l-ebda regolamenti. Minbarra dan, fil-fehma tiegħu n-nota ta' qbid inħarġet ukoll bi ksur tad-drittijiet tiegħu u tal-prinċipju ta' proporzjonalità għaliex skontu t-taxxa kollha kienet tħallset;

4. L-attur *nomine* spjega wkoll li huwa bagħat ittra uffiċjali lid-Direttur Ġenerali (Dwana) fejn talab li n-nota ta' qbid titħassar u biex b'hekk jintraddu lura lilu l-oġġetti maqbuda. Madankollu, baqa' ma sar xejn minn dak li huwa talab;

5. Għalhekk, huwa fetaħ din il-kawża fejn talab lil din il-qorti sabiex:

> *«i. Tiddikjara u tiddeċiedi li n-Nota ta' Qbid numru 206/2021 inħarġet illegalment, b'mod arbitrarju u mingħajr ġustifikazzjoni u li għaldaqstant mhux ġustifikat li tibqa' fis-seħħ u konsegwentement tordna r-revoka tan-nota ta' qbid imsemmija;*
>
> *ii. Tiddikjara u tiddeċiedi li n-Nota ta' Qbid numru 206/2021 inħarġet b'mod lesiv għad-drittijiet tar-rikorrenti u bi ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità kif ser jiġi spjegat dettaljatament fil-mori tal-kawża;*
>
> *iii. Tordna l-intimat jirrilaxxa l-oġġetti msemmija fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-intimat senjatament, iżda mhux biss, għad-danni kollha li r-rikorrent sofra u li jista' jsofri kaġun ta' dan l-aġir illegali tal-intimat u dan salv kwalunkwe provvediment ieħor xieraq u opportun.»*

6. Il-konvenuti ppreżentaw it-tweġiba maħlufa tagħhom fl-**<u>4 ta' Frar, 2022</u>**, u fiha huma ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi qabel xejn, il-Kummissarju tat-Taxxi mhuwiex il-leġittimu kontradittur ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju minħabba li n-nota ta' qbid kontestata taqa' fil-kompetenza tad-Direttur Ġenerali (Dwana). Il-Kummissarju tat-Taxxi, abbażi tal-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi (Kap. 517 tal-Liġijiet ta' Malta), iddelega, permezz ta' Avviż tal-Gvern Numru 766 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' Lulju, 2012, il-poteri u l-funzjonijiet tiegħu, "inkluż ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Gvern mogħtija lilu mis-subartikolu (5) tal-artiklu (3) tal-imsemmi Att" lid-Direttur Ġenerali (Dwana) għal dak li għandu x'jaqsam mad-"drittijiet taħt l-Ordinanza tad-Dwana, l-Att dwar id-Dazji tal-Importazzjoni, l-Att dwar Dazju tas-Sisa, u kull regolament magħmul taħthom."*

*2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu t-talbiet kif dedotti fir-rikors huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għaliex huma insostenibbli ai termini tal-provvedimenti doganali, senjatament tal-**Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta)**, u dan għar-raġunijiet segwenti:*

*i) Illi permezz ta' din l-azzjoni r-rikorrent qed jikkontesta n-nota ta' qbid li ġġib in-numru ta' referenza 206/2021 datata sitta u għoxrin (26) ta' Novembru, 2021;*

*ii) Illi sewwasew, minn żjara magħmula mill-uffiċjali tad-Dwana nhar il-wieħed u tletin (31) t'Awwissu, 2021, fil-ħanut bl-isem Baron Max Wine Merchant ta' High Street, The Palace Hotel ġewwa tas-Sliema, instabu maħżuna, preparati u/jew murija għall-bejgħ numru konsiderevoli ta' fliexken tal-inbid u tal-alkoħol mingħajr il-faxxex/bollol tas-sisa appożiti mwaħħlin fuqhom oltre għal diversi bollol/tikketti mhux imwaħħlin, u dan bi ksur flagranti tar-**Regolament 13 tat-Taqsima B u tar-Regolament 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Att Dwar Dazju tas-SISA (Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta)**;*

*iii) Illi dawn ir-regolamenti jagħmlu referenza għar-**regolament 11 tat-Taqsimiet B u F tas-Sitt Skeda** fejn jesiġu li ħadd ma jista' jipprepara jew joffri għall-bejgħ inbid u xorb alkoħoliku kemm-il darba dawn ma tkunx imwaħħla fuqhom faxxa jew bolla tas-sisa. Fin-nuqqas, ir-**Regolament 13 tat-Taqsimiet B u F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta** jobbliga lid-Direttur Ġenerali (Dwana) sabiex jaqbad l-oġġetti li jkunu qegħdin jiksru r-**regolamenti 11 tat-Taqsimiet B u F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta**;*

*iv) Illi r-**Regolament 13 tat-Taqsimiet B u F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta** jagħmlu wkoll referenza għar-**Regolament 12***

***tat-Taqsimiet B u F tas-Sitt Skeda** fejn jesiġi li faxxa jew bolla tas-sisa għandha <u>fi kwalunkwe każ</u> titwaħħal mal-kontenitur sa mhux aktar tard minn ħamest (5) ijiem minn meta tinxtara, ħlief f'każ li l-inbid jew l-alkoħol ikun jinsab f'maħżen awtorizzat;*

*v) Illi fil-fatt, minn verifiki sussegwenti li għamel l-esponent, irriżulta wkoll li l-ħanut Baron Max Wine Merchant mhuwiex reġistrat mad-Dwana Maltija bħala maħżen tas-sisa u b'hekk żgur li r-rikorrent ma seta' jibbenefika mill-ebda eżenzjoni dwar twaħħil ta' faxxex/bollol imsemmija taħt it-**Taqsimiet B u F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta**;*

*vi) Illi kif jgħid ir-rikorrent fir-rikors maħluf tiegħu f'para. 3, "irriżulta numru akbar ta' stickers milli fliexken". Din l-ammissjoni maħlufa tista' tfisser biss li kienu diġà nbiegħu fliexken tal-inbid u/jew tal-alkoħol mingħajr il-faxxa jew bolla tas-sisa imwaħħla, u dan bi ksur ulterjuri tat-**Taqsimiet B u F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta**;*

*vii) Illi n-nuqqasijiet tar-rikorrent joħolqu żbilanċ fil-konfront ta' negozjanti oħra li josservaw il-liġijiet fiskali bir-reqqa oltre għall-fatt li tali prattiċi jistgħu jkunu detrimentali għall-erarju pubbliku u għall-kunfidenza tal-konsumatur fl-istituzzjonijiet fiskali kif se jkun spjegat aħjar matul din il-kawża;*

*viii) Illi b'konsegwenza ta' dan, l-esponent Direttur Ġenerali (Dwana) għadda sabiex jaqbad mingħand ir-rikorrent dawk il-fliexken tal-inbid u tal-alkoħol mingħajr bolla/tikketta tas-sisa mwaħħla u t-tikketti/bolol tas-sisa msemmija fin-nota ta' qbid 206/2021;*

*3. Illi ta' min isemmi li l-ħsieb wara dawn ir-regolamenti mhuwiex limitat biss sabiex iservi ta' deterrent kontra min jipprova jaħrab l-obbligi fiskali tiegħu. Fil-fatt, ir-**regolament 13 tat-Taqsimiet B u F tas-Sitt Skeda** jagħmilha ċara li l-konfiska tal-fliexken minħabba l-fatt li jkunu misjuba mingħajr tikketta/bolla mwaħħla skont il-liġi għandha sseħħ "mingħajr preġudizziu għal kull piena oħra prevista bl-Att jew b'liġi oħra". Dan ifisser li min effettivament jevadi d-dazju tas-sisa u t-taxi relattivi jkun qiegħed jassoġġetta ruħu wkoll għal proċeduri penali fejn saħansitra jista' jeħel il-pieni ħorox imsemmija fil-**Kap. 37** u **l-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta** apparti l-konfiska tal-fliexken;*

*4. Illi għal dak li għandu x'jaqsam mat-tieni talba rikorrenti, l-esponent jirrespinġi kwalunkwe allegazzjoni li l-aġir tiegħu sar bi ksur tal-prinċipju tal-proporzjonalità. Dak li trid tistħarreġ din l-Onorabbli Qorti hawnhekk huwa jekk l-esponent kienx fis-sewwa li jaqbad l-oġġetti mertu ta' din il-kawza, u għalhekk jekk wara kollox il-qbid seħħx skont il-liġi;*

*5. Illi fi kwalunkwe każ, l-esponent aġixxa fil-parametri tal-liġi, sabiex jilħaq għanijiet xierqa u fuq kunsiderazzioniiet rilevanti kif se jkun spjegat f'aktar dettall matul din l-azzjoni;*

*6. Illi għalhekk, għar-raġunijiet fuq imsemmija jirriżulta li l-esponent Direttur Ġenerali (Dwana) mexa mal-liġi, u l-qbid prospettat kien wieħed ġustifikat tant li għandu jkun konfermat;*

*7. Salv eċċezzjoniiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha rikorrenti kif magħmula fir-rikors ġuramentat bħala infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjeż.»*

7. Il-partijiet għalqu l-provi kollha tagħhom fis-seduta tal-**<u>11 ta' Novembru, 2022</u>**;

8. Il-konvenuti ressqu s-sottomissjonijiet bil-mitkub tagħhom fis-27 ta' Frar, 2022. Min-naħa l-oħra, għalkemm l-attur *nomine* ngħata kważi xahrejn żmien biex iressaq in-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, huwa baqa' ma ressaq l-ebda nota;

9. Il-qorti rat l-atti kollha tal-kawża u tinsab f'qagħda li tagħti din is-sentenza;

***Fatti***

10. Fil-**<u>31 ta' Awwissu, 2021</u>**, xi uffiċjali tad-dwana żaru l-ħanut tal-attur *nomine* li jinsab f'Tas-Sliema, biex fih iwettqu tfittxija. Billi waqt din iż-żjara huma sabu numru kbir (3,332) ta' fliexken tal-inbid u alkoħol li skonthom kienu maħżuna, imħejjija u/jew murija għall-bejgħ, li ma kellhomx it-tikketti tas-sisa mwaħħla (ara l-lista ta' fliexken tax-xorb f'paġni 73 sa 88 tal-atti tal-kawża), u kif ukoll numru ferm akbar ta' tikketti tas-sisa (7,607) li ma kinux użati (ara l-lista ta' tikketti f'paġna 74 tal-atti tal-kawża), dawn inżammu lkoll mid-Direttur Ġenerali (Dwana) għall-investigazzjoni;

11. Mill-istħarriġ u verifiki magħmula, id-Direttur Ġenerali rriżultalu li l-kumpannija Baron Max Ltd ma kinitx reġistrata miegħu bħala maħżen tas-sisa. Għalhekk, fil-fehma tiegħu, hija kienet fid-dmir illi toqgħod għal dak li jgħid il-**Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Ġara li l-imsemmija tikketti ma kinux twaħħlu mal-fliexken tax-xorb u tal-inbid fi żmien ħamest ijiem minn meta dawn inxtraw, hekk kif titlob il-liġi. B'hekk id-Direttur Ġenerali konvenut wasal għall-konklużjoni li l-oġġetti msemmija kienu nżammu mill-attur *nomine* bi ksur tar-**regolamenti 12(5), 12(6)(a)** u **13 tat-Taqsima B** u r-**regolamenti 12(4), 12(5)(b)** u **13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta**;

12. Kien għalhekk li fis-**26 ta' Novembru, 2021**, id-Direttur Ġenerali konvenut ħareġ in-nota ta' qbid bin-numru 206/2021, li bis-saħħa tagħha l-oġġetti hawn fuq imsemmija ġew ikkonfiskati mingħand l-attur *nomine* (ara n-nota ta' qbid f'paġni 19 sa 25 tal-atti tal-kawża);

13. Fid-**9 ta' Diċembru, 2021**, l-attur *nomine* bagħat jgħarraf lid-Direttur Ġenerali konvenut li huwa kien sejjer imexxi kontrih billi jikkontesta n-nota ta' qbid quddiem il-qrati Maltin (ara l-avviż f'paġna 27 tal-atti tal-kawża);

14. Imbagħad, b'ittra uffiċjali tal-**14 ta' Diċembru, 2021**, l-attur *nomine* sejjaħ lid-Direttur Ġenerali konvenut biex iħassar in-nota ta' qbid u jroddlu lura l-oġġetti maqbuda (ara l-ittra f'paġna 26 tal-atti tal-kawża);

15. Madankollu, id-Direttur Ġenerali konvenut ma biddel xejn mid-deċiżjoni li kien ħa u żamm fis-seħħ in-nota ta' qbid inkwistjoni. Għalhekk, fil-**11 ta' Jannar, 2022**, l-attur *nomine* fetaħ din il-kawża;

16. Waqt li kien għaddej is-smigħ ta' din il-kawża, il-Kummissarju tat-Taxxi biegħ lura lill-attur *nomine* l-fliexken tax-xorb u tal-inbid, li kienu ġew ikkonfiskati lilu, għall-prezz ta' €16,168, jiġifieri għall-50% tal-valur veru tagħhom. Dan l-arranġament sar bla ħsara għal din il-kawża (ara l-ftehim tat-12 ta' Mejju, 2022 f'paġni 115 sa 118 tal-atti tal-kawża);

17. Aktar tard, wara li d-Direttur Ġenerali konvenut għamel verifiki ulterjuri, huwa ntebaħ li 414-il flixkun mill-fliexken tax-xorb u tal-inbid li kienu ġew ikkonfiskati minnu, fil-fatt ma

kellhomx jiġu maqbuda. Dan għaliex għalkemm dawn ma kellhomx it-tikketta tas-sisa mwaħħla magħhom, dakinhar li seħħet it-tfittxija mill-uffiċjali tad-dwana, il-ħamest ijiem li fihom kellhom jitwaħħlu l-imsemmija tikketti ma' dawn il-fliexken ma kinux laħqu għaddew. Għalhekk, is-somma ta' €2,072, li tirrappreżenta dak li ħallas l-attur *nomine* biex xtara dawn il-fliexken mingħand il-Kummissarju tat-Taxxi, ġew imrodda lura lilu (ara d-dokument f'paġna 122 tal-atti tal-kawża);

***Konsiderazzjonijiet***

18. Din hija kawża li biha l-attur *nomine* qiegħed ifittex: (i) li jħassar in-nota ta' qbid bin-numru 206/2021 minħabba li skontu din inħarġet illegalment, b'mod arbitrarju, mingħajr ġustifikazzjoni u bi ksur tad-drittijiet tiegħu u tal-prinċipju tal-proporzjonalità, u (ii) li l-konvenuti jroddulu lura l-oġġetti li qabdulu fi żmien qasir u li ma jiġġeddidx;

19. Qabel din il-qorti tgħaddi biex tistħarreġ il-mertu tat-talbiet tal-attur *nomine*, jeħtieġ li hija tqis l-**<u>ewwel eċċezzjoni</u>** tal-konvenuti fejn huma jgħidu li l-Kummissarju tat-Taxxi mhuwiex il-kontradittur leġittimu għal dawn it-talbiet. Din il-qorti ssib li l-konvenuti kienu siewja meta ressqu din l-eċċezzjoni fit-tweġiba maħlufa tagħhom. Tassew, kemm l-**artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi (Kap. 517 tal-Liġijiet ta' Malta)** u kif ukoll l-**artikolu 2 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta)** jindikaw li l-Kummissarju tat-Taxxi jista' jiddelega s-setgħat u l-funzjonijiet tiegħu;

20. Din id-delega tabilħaqq saret fir-rigward tal-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-**Ordinanza tad-Dwana**, l-**Att dwar id-Dazji tal-Importazzjoni** u l-**Att dwar Dazju tas-Sisa**, u ġiet notifikata lill-pubbliku permezz tal-avviż numru 766, li ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' Lulju, 2012 (ara l-avviż f'paġna 37 tal-atti tal-kawża). B'hekk sa dakinhar li tressqet fl-atti t-tweġiba maħlufa, il-konvenuti kellhom raġun jgħidu li l-Kummissarju tat-Taxxi ma kellux iwieġeb għat-talbiet attriċi għaliex id-drittijiet, id-doveri, is-setgħat u l-funzjonijiet tiegħu, inkluż ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Gvern, f'dak li għandu x'jaqsam mat-tħaddim tal-liġijiet hawn fuq imsemmija, kienu

jinsabu f'ħoġor id-Direttur Ġenerali (Dwana) (ara s-sentenza ***Michael Scerri et v. Direttur Ġenerali tad-Dwana et***, Appell Superjuri, 1 ta' Diċembru, 2021);

21. Madankollu, matul is-smigħ ta' din il-kawża, sewwasew b'avviż ieħor ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fl-10 ta' Mejju, 2022, l-avviż tal-20 ta' Lulju, 2012, hawn fuq imsemmi, ġie mħassar u l-Kummissarju tat-Taxxi reġa' ħa lura d-drittijiet, id-dmirijiet, is-setgħat u l-funzjonijiet kollha marbuta mal-liġijiet inkwistjoni b'seħħ mis-27 ta' April, 2022. Jiġi b'hekk, li fil-ġurnata tal-lum, ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Gvern f'dak li għandu jaqsam ma' dawn il-liġijiet, tinsab għand il-Kummissarju konvenut (ara l-**artikolu 3(5) tal-Kap. 517 tal-Liġijiet ta' Malta**);

22. Minħabba dan, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti qiegħda tiġi miċħuda;

23. Magħluqa din il-kwistjoni, din il-qorti tista' tgħaddi biex tqis dak li huwa l-mertu ta' din il-kawża. Għalkemm b'din il-kawża, l-attur *nomine* qiegħed ifittex li jħassar in-nota ta' qbid bin-numru 206/2021 sabiex huwa jieħu lura l-oġġetti li nqabdu mingħandu, fid-dawl tal-iżviluppi li seħħew matul is-smigħ tal-kawża, dawn it-talbiet tiegħu, illum il-ġurnata m'għadhomx jagħmlu sens għalkollox. Tassew, il-fliexken tal-inbid u tax-xorb li nqabdu mid-Direttur Ġenerali konvenut m'għadhomx jinsabu għandu għaliex aktar tard dawn inbiegħu lill-attur *nomine* għall-50% tal-valur veru tagħhom;

24. Għalhekk, f'dawn iċ-ċirkostanzi, id-dmir ta' din il-qorti mhuwiex li tiddikjara bħala valida jew nulla n-nota ta' qbid li nħarġet mid-Direttur Ġenerali konvenut, iżda li tistħarreġ u tiddetermina jekk tabilħaqq kienx hemmx ksur tal-liġijiet imsemmija mill-konvenuti fit-tweġiba maħlufa tagħhom, li kien jiġġustifika l-qbid tal-fliexken imsemmija (ara f'dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet ***Priscilla Cassar et v. Kontrollur tad-Dwana***, Appell Superjuri, 29 ta' Jannar, 2010 u ***Richard Darmanin v. Kontrollur tad-Dwana***, Appell Superjuri, 31 ta' Jannar, 2019);

25. Ladarba l-attur *nomine* qiegħed jattakka l-ħruġ tan-nota ta' qbid, skont il-prinċipji tradizzjonali fil-kamp ċivili, jaqa' fuqu l-piż li jġib il-prova meħtieġa sabiex din il-qorti

tiddeċiedi, fuq il-bażi ta' probabbiltà, dwar jekk id-Direttur Ġenerali konvenut kienx ġustifikat li joħroġ in-nota kkontestata skont il-liġijiet tad-dwana (ara ***Ahmed Ibrahim Hassan Ahmed Arafa v. Kontrollur tad-Dwana***, Appell Superjuri, 29 ta' Jannar, 2016). Sewwasew, l-**artikolu 39 tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi li l-prova tmiss lil min ikun ressaq it-talba għall-għoti lura tal-oġġetti li jkunu ġew ikkonfiskati;

26. Mill-banda l-oħra, id-Direttur Ġenerali konvenut m'għandux għalfejn jagħmel il-prova negattiva. Dan m'huwa xejn ħlief tħaddim tal-**artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li jipprovdi li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss li min jallegah għaliex *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat* (ara ***Diane Holdings Limited et v. Kontrollur tad-Dwana***, Appell Superjuri, 27 ta' Ottubru, 2021 u ***Paul Attard v. Direttur Ġenerali (Dwana)***, Appell Superjuri, 30 ta' Marzu, 2022);

27. Din il-qorti tqis li l-qbid tal-fiexken tal-inbid u tal-alkoħol seħħ skont ir-**regolamenti 13 tat-Taqsimiet B** u **F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jippermettu l-konfiska ta' fliexken ta' dan it-tip favur il-Gvern jekk ikun seħħ ksur tar-**regolamenti 11** u **12** tal-istess **Taqsimiet**;

28. Mill-provi jirriżulta li l-attur *nomin*e ma kellux il-liċenzja bħala kustodju ta' maħżen tas-sisa awtorizzat (ara l-affidavit ta' Patrick Attard f'paġni 88 u 90 tal-atti tal-kawża, ix-xiehda ta' Matthew Cesareo f'paġni 66 sa 69 tal-atti tal-kawża u x-xiehda tal-attur *nomine* f'paġni 112A sa 112F tal-atti tal-kawża). Għalhekk, skont ir-**regolament 12(5) tat-Taqsima B** u r-**regolament 12(4) tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta**, huwa kien fid-dmir li jwaħħal il-faxex jew bolol tas-sisa mal-fliexken tal-alkoħol u tal-inbid fi żmien ħamest ijiem minn meta dawn il-bolol jintxraw;

29. Madankollu, meta seħħet it-tfittxija fil-ħanut tal-attur *nomine* mill-uffiċjali tad-dwana, dawn sabu li fil-ħanut kien hemm 7,607 bolla mhux iwaħħla, li kien ilhom mixtrija għal aktar minn ħamest ijiem. Kien għalhekk li dawn il-bolol ittieħdu mingħand l-attur *nomine* skont ir-**regolament 12(6)(a) tat-Taqsima B** u **r-regolament 12(5)(a) tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta**. Fl-istess waqt, fil-ħanut kien hemm

ukoll 3,332 flixkun tal-alkoħol u tal-inbid li ma kellhomx il-bolla tas-sisa mwaħħla magħhom, u għalhekk dawn inqabdu bis-saħħa tar-**regolamenti 13** tat-**Taqsimiet** hawn fuq imsemmija (ara x-xiehda ta' Dawn Bartolo f'paġni 58 sa 65 tal-atti tal-kawża). Mill-banda l-oħra l-fiexken tal-alkoħol u tal-inbid li kellhom it-tikketta mwaħħla magħhom baqgħu ma nqabdux mill-uffiċjali tad-dwana (ara x-xiehda ta' Dawn Bartolo f'paġni 58 sa 65 tal-atti tal-kawża u x-xiehda tal-attur *nomine* f'paġni 112A sa 112F tal-atti tal-kawża);

30. Min-naħa tiegħu, l-attur *nomine* fl-ebda waqt ma ċaħad li l-fliexken maqbuda ma kellhomx il-bolol tas-sisa mwaħħla. Anzi, waqt il-kontro-eżami tiegħu huwa stqarr li ma kienx jaf li t-tikketti kellhom jitwaħħlu mal-fliexken fi żmien ħamest ijiem minn meta dawn jinxtraw u li kien hemm xi fliexken li kienu nbiegħu mingħajr ma kellhom tikketta mwaħħla (ara x-xiehda tiegħu f'paġni 112A sa 112F tal-atti tal-kawża). Minkejja dan, huwa saħaq li l-fliexken li ġew ikkonfiskati mingħandu ma kinux għall-bejgħ għaliex dawn kien jinsabu fis-sular t'isfel tal-ħanut, li skontu ma kienx aċċessibbli għall-pubbliku;

31. F'dan ir-rigward, il-qorti tqis li l-liġi ma tagħmel l-ebda għażla bejn fliexken tal-alkoħol u tal-inbid li jkunu għall-bejgħ u dawk li ma jkunux. Kemm hu hekk, il-liġi titlob li t-tikketti tas-sisa jitwaħħlu mal-flixkien fi żmien ħamest ijiem minn meta dawn jixtraw, u dan lil hinn mill-fatt jekk il-fliexken ikunu tpoġġew għall-bejgħ jew le. Għalhekk, dan l-argument tal-attur *nomine* ma jista' jkun tal-ebda fejda għalih;

32. F'kull każ, din il-qorti ma taqbel xejn mal-attur *nomine* li l-flixkien inkwistjoni ma kinux tpoġġew għall-bejgħ. Tabilħaqq mill-provi jirriżulta li:

    i. wieħed seta' jinżel fis-sular t'isfel minn taraġ li kien aċċessibbli faċilment (ara x-xiehda ta' Dawn Bartolo f'paġni 58 sa 65 tal-atti tal-kawża);

    ii. fis-sular ta' isfel kien hemm vettrina bi fliexken tal-alkoħol li kienu ta' edizzjoni speċjali, li fuqhom kien hemm imwaħħal il-prezz (ara x-xiehda ta' Dawn Bartolo

f'paġni 58 sa 65 tal-atti tal-kawża u x-xiehda ta' Matthew Cesareo f'paġni 66 sa 69 tal-atti tal-kawża); u

iii. fejn it-taraġ li jagħti għas-sular ta' isfel ma kien hemm l-ebda tabella li kienet iżżomm lill-klijenti mill-jinżlu fis-sular ta' isfel (ara x-xiehda tal-attur *nomine* f'paġni 112A sa 112F tal-atti tal-kawża);

33. Għalhekk, fiż-żgur, li ma jistax jingħad li dawn il-fliexken kienu sempliċement qegħdin jiġu maħżuna u li f'dak il-mument ma kinux jinsabu għall-bejgħ. Darba li jirriżulta b'mod ċar li l-attur *nomine* kiser ir-**regolamenti 11** u **12 tat-Taqsimiet B** u **F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta** m'hemm l-ebda dubju li dawk il-fliexken li ma kellhomx bolol tas-sisa mwaħħla magħhom, liema bolol kien ilhom mixtrija għal aktar minn ħamest ijiem, kellhom jinqbadu mill-uffiċjali tad-dwana. Fuq kollox, it-tifsira li trid tingħata lid-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi, li hija liġi ta' għamla fiskali, trid tkun waħda li toqgħod għall-kelma tal-liġi bla tiġbid żejjed (ara ***Neg. Giuseppe Muscat et v. Anthony Camilleri noe***, Appell Superjuri, 11 ta' Jannar, 1960 u ***K & L Attard Limited v. Il-Kontrollur tad-Dwana***, Appell Superjuri, 4 ta' Mejju, 2022);

34. Hemm il-fehma wkoll li liġijiet tributarji huma ta' fejda jew utilità pubblika u għalhekk iridu jingħataw applikazzjoni fejn ma hemmx dubju dwar iċ-ċirkostanzi tat-tħaddim tagħhom (ara ***Alfred Anastasi noe v. Anthony Camilleri noe***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 15 ta' Novembru, 1964), sakemm dak it-tħaddim ma jkunx f'kunflitt mal-ordinament taħt il-liġi ġenerali (ara ***Waldorf Car Hire Ltd v. Habitat Ltd***, Appell Inferjuri, 24 ta' Marzu, 2004 u ***Michael Żammit et v. Direttur Ġenerali (Dwana)***, Appell Superjuri, 23 ta' Frar, 2022). Minbarra dan, l-interpretazzjoni li trid tingħata lil liġi bħal din, la għandha tkun favur jew kontra l-kontribwent u lanqas favur jew kontra l-erarju pubbliku (ara ***Joseph Ellul Sullivan nomine v. Kontrollur tad-Dwana***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 15 ta' Diċembru, 2004 u ***The Margarine Import Co. Ltd v. Kontrollur tad-Dwana***, Appell Superjuri, 26 ta' Mejju, 2006);

35. Fil-każ tagħna, il-liġi tfisser sewwa u b'mod ċar x'inhuma l-konsegwenzi jekk it-tikketti tas-sisa ma jitwaħħlux fiż-żmien li titlob l-istess liġi u għalhekk l-attur *nomine* ma jistax jingħata wens minn din il-qorti ladarba huwa għażel li ma joqgħodx għall-kelma tal-liġi;

36. L-attur *nomine* kien ikollu raġun jibqa' jinsisti fuq l-ilmenti tiegħu dwar il-ħruġ tan-nota ta' qbid li kieku l-Kummissarju tat-Taxxi ma raddlux lura l-flus li l-attur *nomine* ħallas biex jixtri lura l-414-il flixkun li ma kellhomx jiġu kkonfiskati (minħabba li l-ħamest ijiem li fihom kellhom jitwaħħlu t-tikketti ma' dawn il-fliexken, ma kinux laħqu għaddew). Li kieku din ir-rifużjoni ma seħħitx, l-attur *nomine* kien ikun siewi li jgħid li huwa ma kiser l-ebda dispożizzjoni tal-**Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta**, f'dak li għandu x'jaqsam ma' dawn l-414-il flixkun tax-xorb. Iżda ladarba l-attur *nomine* ħa lura dawn il-flixkien fi żmien x'aktarx qasir mingħajr ma ħareġ ebda flus għalihom, huwa fiż-żgur ma jistax jilmenta li n-nota ta' qbid li nħarġet mid-Direttur Ġenerali konvenut kienet waħda illegali, arbitrarja jew mhux xierqa fir-rigward tal-bqija tal-oġġetti li nqabdu mingħandu;

37. Dwar l-ilment tal-attur *nomine* li n-nota ta' qbid fuq il-fliexken tal-alkoħol u tal-inbid imsemmija nħarġet bi ksur tad-drittijiet tiegħu u tal-prinċipju tal-proporzjonalità, jingħad li l-attur *nomine* ma ressaq l-ebda nota ta' sottomissjonijiet u għalhekk huwa baqa' ma fissirx kif seħħ dan il-ksur;

38. Lil hinn minn dan, il-qorti tagħraf li minħabba li fit-tħaddim tal-liġijiet tad-dwana l-Istat ikun qiegħed japplika wkoll il-liġi tal-Unjoni Ewropea, il-prinċipji żviluppati mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, inkluż il-prinċipju ta' proporzjonalità mqajjem mill-attur *nomine*, jorbtu lill-Istat, u għalhekk dan huwa meħtieġ li jħarishom (ara ***Marine Fuels and Supplies Limited et v. Id-Direttur Ġenerali (Dwana) et***, Appell Superjuri, 22 ta' Ġunju, 2022);

39. L-argument tal-attur *nomine* hawnhekk huwa li l-erarju pubbliku ma ġarrab l-ebda telf fi ħlasijiet ta' taxxa għaliex minkejja li t-tikketti ma kinux ġew imwaħħla mal-flixkien, it-taxxa fil-fatt kienet tħallset minnu meta huwa xtara t-tikketti li ġew maqbuda;

40. Il-qorti tqis li dan l-argument tal-attur *nomine* huwa wieħed manifestament ħażin. L-ammont ta' bolol tas-sisa li nstabu fil-ħanut dakinhar tat-tfittxija u li ma kinux imwaħħlin mal-fliexken tal-inbid jew tal-alkoħol, kien jiżboq bil-kbir l-ammont ta' fliexken li ma kellhomx bolla mwaħħla. Minbarra dan, kien saħansitra l-attur *nomine* stess li waqt il-kontro-eżami tiegħu stqarr li kien hemm xi flixkien li spiċċaw inbiegħu mingħajr il-bolla tas-sisa mwaħħla (ara x-xiehda tiegħu f'paġna 112C tal-atti tal-kawża). Dan ifisser li kull waħda minn dawn il-bolol li ma kinitx twaħħlet mal-fliexken li kien hemm fil-ħanut setgħet eventwalment tintuża biex titwaħħal fuq fliexken oħra, li fuqhom kien għadu ma tħallasx id-dazju. B'hekk, bin-nuqqas tiegħu li jwaħħal il-bolol fiż-żmien li trid il-liġi, l-attur *nomine* kien qiegħed ipoġġi lilu nnifsu f'sitwazzjoni fejn huwa seta' faċilment jaħrab mill-ħlas tad-dazju. Tassew, din is-sitwazzjoni kellha probabbiltà kbira li sseħħ li kieku fil-31 ta' Awwissu, 2021 l-uffiċjali tad-dwana ma wettqux it-tfittxija li wasslet għall-ħruġ tan-nota ta' qbid;

41. Għalhekk, f'ċirkostanza bħal din, l-attur *nomine* qajla jista' jargumenta li l-erarju pubbliku ma kienx sejjer iġarrab ħsara minħabba l-għemil tiegħu. B'hekk, f'dan is-sens, huwa ma jistax jilmenta li s-sanzjoni tal-konfiska li ġiet imposta fuqu kienet waħda sproporzjonata;

42. Fuq kollox, din il-qorti ma taqbilx mal-attur *nomine* li n-nota ta' qbid inkwistjoni nħarġet bi ksur tal-prinċipju tal-proporzjonalità għaliex:

    i. f'dan il-każ l-attur *nomine* kiser numru ta' regolamenti misjuba fil-**Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta**;

    ii. l-attur *nomine* kien imissu kien jaf b'dak li teħtieġ minnu l-liġi, jiġifieri li huwa jwaħħal il-bolol tas-sisa mal-fliexken tal-alkoħol u tal-inbid fi żmien ħamest ijiem minn meta jixtrihom. Isib il-qofol tiegħu hawnhekk il-prinċipju legali *ignorantia legis neminem excusat* (ara ***Joe Hales v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali***, Appell Inferjuri, 9 ta' April, 2008);

iii. anke jekk l-attur *nomine* ma kienx jaf bl-obbligi tiegħu dwar it-twaħħil tat-tikketti – ħaġa li din il-qorti ssibha bil-wisq diffiċli biex temmen – bħala negozjant tal-inbejjed huwa kien imissu ħa parir minn qabel mingħand l-awtoritajiet tad-dwana biex isir midħla mal-proċeduri u l-obbligi misjuba fil-liġi;

iv. skont ir-**regolamenti 13 tat-Taqsimiet B** u **F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta**, meta jkun hemm ksur tar-**regolamenti 11** jew **12** tal-istess **Taqsimiet**, il-konfiska tal-fliexken tal-alkoħol u tal-inbid favur il-Gvern għandha sseħħ bla ħsara għal kull piena oħra li hemm imsemmija fl-istess Att jew f'xi liġi oħra. Tassew, meta persuna tkun qiegħda tevadi jew tipprova tevadi d-dazju, jistgħu jittieħdu proċeduri kriminali kontra tagħha skont l-**artikolu 16 tal-Kap. 382** u l-**artikolu 62 tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta**, u b'hekk hija tkun f'riskju li teħel pieni ħorox, inkluż priġunerija. Madankollu, mill-provi li nġabu matul is-smigħ ta' din il-kawża, ma jirriżultax li ttieħdu xi proċeduri kriminali kontra l-attur *nomine*. Il-konfiska tal-imsemmija fliexken kienet biss waħda mid-diversi sanzjonijiet li setgħu ġew imposti fuqu minħabba n-nuqqasijiet tiegħu;

v. mingħand l-attur *nomine* nqabdu biss il-fliexken tal-inbid u tal-alkoħol li ma kellhomx tikketta tas-sisa mwaħħla. Dawk il-fliexken li dakinhar tat-tfittxija kellhom it-tikketta tas-sisa mwaħħla magħhom ma nqabdux mid-Direttur Ġenerali konvenut;

vi. l-attur *nomine* ħa lura l-fliexken maqbuda billi ħallas 50% tal-valur veru tagħhom lill-Kummissarju tat-Taxxi ftit xhur wara li seħħet it-tfittxija. B'hekk huwa reġa' sab ruħu f'qagħda li jbiegħ dawn il-fliexken u jagħmel il-qligħ minnhom. Li kieku dawn il-fliexken ġarrbu xi ħsara jew xi telf fil-kwalità tagħhom, l-attur *nomine* żgur ma kienx jixtrihom;

vii. il-Kummissarju tat-Taxxi radd lura lill-attur *nomine* l-flus li dan ħareġ biex xtara lura l-fliexken li kien nqabdu bi żball mill-uffiċjali tad-dwana;

43. Jiġi b'hekk, li l-ilment tal-attur *nomine* dwar il-ksur tad-drittijiet tiegħu u tal-prinċipju ta' proporzjonalità jfalli minn kull rokna. Il-qorti tqis ukoll li għalkemm n-nota ta' qbid inkwistjoni nħarġet b'mod ħażin fuq l-414-il-flixkun li fir-rigward tagħhom ma kinux laħqu għaddew il-ħamest ijiem li fihom kellhom jitwaħħlu t-tikketti ma' dawn il-fliexken, il-flus li l-attur *nomine* ħallas biex jiġbor lura dawn il-fliexken, eventwalment ġew imrodda lura lilu;

44. Għalhekk, darba li l-iżball li sar mill-uffiċjali tad-dwana ġie msewwi, din il-qorti ma ssib xejn aktar x'tikkundanna fin-nota ta' qbid bin-numru 206/2021 minn lenti legali u b'konsegwenza ta' dan, it-talbiet tal-attur *nomine* qegħdin jiġu miċħuda;

45. Madankollu, ġaladarba jirriżulta li l-attur *nomine* kellu raġun jikkontesta n-nota ta' qbid sa fejn din kienet tirrigwarda l-imsemmija 414-il flixkun li nqabdu bi żball, il-qorti tħoss li ma jkunx xieraq li l-ispejjeż tal-kawża jħallshom kollha waħdu. Għalhekk il-qorti sejra tipprovdi dwar dan fil-kap tal-ispejjeż;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **<u>Tiċħad</u>** l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti għaliex fil-ġurnata tal-lum huwa l-Kummissarju tat-Taxxi li għandu r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Gvern f'dak li għandu jaqsam mat-tħaddim tal-liġijiet tad-dwana; u

ii. **<u>Tiċħad</u>** it-talbiet kollha tal-attur *nomine* għaliex wara li saritlu r-rifużjoni ta' €2,072 għall-414-il flixkun, li ma kellhomx jinqabdu mid-Direttur Ġenerali konvenut, ma kien għad hemm xejn ċensurabbli dwar in-nota ta' qbid bin-numru 206/2021.

Fl-aħħar nett, **<u>tordna</u>** li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu hekk: fis-sehem ta’ sitta minn sebgħa (6/7) mill-attur *nomine* u fis-sehem ta’ wieħed minn sebgħa (1/7) mill-konvenuti solidalment bejniethom.

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**